MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-2 ta' April, 2012

Talba Numru. 699/2011

**GO plc – C22334**

**vs**

**Sunbury Investments Limited**
**C40712**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u erbgha u hamsin Ewro u hames centezmi (€454.05c), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *AC 40079855* moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u skond l-annessi dokumenti, Dok IZY 1 u Dok IZY 2 prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija erbgha u hamsin Ewro u hames centezmi (€454.05c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------